TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/186/24/S

Philip Gauci

vs

Europa Tours Ltd

Illum 16 t' Ottubru, 2025

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentata minn Philip Gauci fis-27 t'Awwissu, 2024 u r-risposta tas-soċjeta' Europa Tours Ltd ippreżentata fis-26 ta' Settembru, 2024;

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2025;

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda tħassir ta' parti minn biljett ta' l-ajru, wara li r-rikorrenti ma tfaċċax għall-ewwel parti tat-titjira fejn kellhom jingħaqdu ma' *tour* organizzat mis-soċjeta' intimata;

Illi r-rikorrenti jibbażaw it-talba tagħhom fuq il-fatt illi s-soċjeta' intimata skond hu, naqset li taġixxi ta' *bonus pater familias*, fis-sens illi ma ratx l-aħjar interessi ta' min xtara is-servizzi mingħandha;

Skond l-istess rikorrenti, s-soċjeta' intimata ladarba aċċettatu bħala passiġġier fit-*tour* allura kienet responsabbilta' tas-soċjeta' intimata illi tieħu ħsieb kollox inkluż it-titjiriet lura lejn Malta;

Illi jingħad mall-ewwel, illi l-problema twieldet meta r-rikorrenti naqas milli jidher għall-ewwel titjira minn Malta. Dan kien nuqqas totalment tar-rikorrenti u kienet għażla tagħhom u deċiżjoni tagħhom li qabad u xtara biljett għal Frankfurt mingħajr ma ta każ illi t-titjira tar-ritorn hija marbuta mal-*outgoing flight* u ġjaladarba kien hemm *no show* fil-bidu fl-ewwel titjira, it-tieni titjira lura tiġi imħassra b'mod awtomatiku mis-

soċjeta' ta' l-ajru;

Illi skond ir-rikorrenti, huwa m'għandu ebda ilment dwar it-*tour per se* waqt il-mawra tagħhom fil-pajjiżi Skandinavi;

Illi mill-provi mressqa, it-Tribunal ma jħossx illi s-soċjeta' intimata naqset b'xi mod fil-konfront tar-rikorrenti u l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata u ċioe' illi mhuwiex il-leġittimu kontradittur qed tiġi aċċettata, ġjaladarba illi l-ilment tar-rikorrenti kellu jiġi indirizzat semmai kontra s-soċjeta' ta' l-ajru li kkanċellat it-titjira tar-ritorn tar-rikorrenti;

Illi konsegwentement it-Tribunal iħoss illi ma hemm ebda danni morali x'jingħataw lir-rikorrenti mis-soċjeta' intimata.

<u>Decide</u>

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Philip Gauci u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Europa Tours Ltd, u b'dan illi kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri rispettivi.

Richard Sladden Av.
Arbitru